# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION
## ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 17 ta' Ġunju 2025**

**Numru : 21**
**Rikors numru: 239/2019/2 TA**

**L-Avukat Dottor Cedric Mifsud a nom u in rappreżentanza tas-Sinjura Christine Lecomte, tas-Sinjur Bruno Jacques Georges Quatresous u tal-minuri Nathan Rene` Jean Quatresous bħala werrieta tal-mejjet Julian Quatresous**

**v.**

**Captain Morgan Leisure Limited (C3255)**[1]

**PRELIMINARI:**

1. Din hija kawża għad-danni intavolata fis-6 ta' Marzu 2019 mill-

[1] Il-kawża ġiet intavolata kontra **Captain Morgan Submarine Limited** (C13474), **Captain Morgan Cruises Limited** (C4151) u **Captain Morgain Leisure Limited** (C3255). Fit-2 ta' Awwissu 2022 l-attur *nomine* ppreżenta rikors fejn spjega li fl-10 ta' Ottubru 2021 is-soċjetajiet Captain Morgan Submarine Limited u Captain Morgan Cruises Limited kienu ġew amalgamati mas-soċjetà Captain Morgan Leisure Limited u għalhekk talab korrezzjoni fl-okkju fis-sens li bħala soċjetà konvenuta tibqa' biss is-soċjetà Captain Morgan Leisure Limited. Permezz ta' digriet mogħti fis-16 ta' Jannar 2023 l-Ewwel Qorti laqgħet tali talba.

Avukat Dr Cedric Mifsud f'isem u in rappreżentanza ta' (i) Christine Lecomte, (ii) Bruno Jacques Georges Quatresous u l-minuri (iii) Nathan Renè Jean Quatresous "*bħala werrieta tal-mejjet Julian Quatresous"* wara li dan tilef ħajtu traġikament fl-ibħra Maltin. L-attur *nomine* ppremetta li fit-12 ta' Awwissu 2017 Julian Quatresous kien qiegħed jattendi *party* abbord il-bastiment *Fernandes II* u li meta tali bastiment kien dieħel lura lejn ix-xatt tas-Sliema, "*seħħ inċident abbord dan il-bastiment*" u "*kawża ta' dan l-inċident"* Julian Quatresous tilef ħajtu u l-kadavru tiegħu eventwalment instab fis-17 ta' Awwissu 2017. Din il-kawża saret kontra t-tliet soċjetajiet konvenuti (illum amalgamati f'soċjetà waħda: **Captain Morgan Leisure Ltd**) sabiex:

(i) jiġu dikjarati responsabbli tal-inċident fejn tilef ħajtu traġikament Julian Quatresous;

(ii) jiġu likwidati d-danni konsegwenzjali sofferti mill-ġenituri ta' Julian Quatresous u minn ħuh bħala l-werrieta tiegħu, u

(iii) biex is-soċjetajiet konvenuti jiġu kkundannati *in solidum* bejniethom jew min minnhom iħallsu lill-werrieta tiegħu d-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjeż.

2. Permezz ta' sentenza mogħtija fis-17 ta' Ottubru 2024 il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet is-sitt eċċezzjoni u ċaħdet it-talbiet attriċi bl-ispejjeż.

3. L-atturi Christine Lecomte, Bruno Jacques Georges Quatresous u Nathan Renè Jean Quatresous ħassewhom aggravati b'tali sentenza u għalhekk fit-13 ta' Novembru 2024 interponew **APPELL PRINĊIPALI** quddiem din il-Qorti fejn talbuha tħassarha u *invece* tilqa' t-talbiet kollha tagħhom.

4. Fit-28 ta' Novembru 2024 is-soċjetà konvenuta Captain Morgan Leisure Ltd mhux biss talbet lil din il-Qorti tiċħad l-appell tal-atturi appellanti, iżda da parti tagħha interponiet **APPELL INĊIDENTALI**, fejn talbet lil din il-Qorti tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn intlaqgħet is-sitt eċċezzjoni u fejn ġew miċħuda t-talbiet attriċi bl-ispejjeż kontra l-atturi, u tvarjaha *"…billi tilqa' l-ewwel, it-tielet, u r-raba' eċċezzjonijiet kif premessi fir-risposta ġuramentata tas-soċjetajiet esponenti. Bl-ispejjeż tal-appell u tal-appell inċidentali kontra l-atturi."*

5. Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell din il-Qorti qiegħda tirriproduċi s-sentenza appellata:

"Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Dr. Dottor Cedric Mifsud nomine (l-Attur) tas-

6 ta' Marzu 2019 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

1) Illi is-soċjeta' intimata Captain Morgan Submarine Limited hija il-propjetarja tal-bastiment Fernandes II bin-numru uffiċjali 7164 u tali bastiment huwa ġestit mis-soċjetajiet intimati Captain Morgan Cruises Limited u Captain Morgan Leisure Limited abbord l-imsemmi bastiment jiġu organizzati parties filwaqt illi l-bastiment jagħmel traġitt minn tas-Sliema, Malta sa' Kemmuna u lura;

2) Illi nhar it-tnax (12) ta' Awwissu elfejn u sbatax (2017) waqt waħda minn dawn l-avvenimenti, filwaqt illi l-imsemmi bastiment Fernandes II kien jinsab fit-traġitt tiegħu lura lejn tas-Sliema seħħ inċident abbord dan il-bastiment;

3) Illi kawża ta' dan l-inċident tilef ħajtu Julian Jean Rene' Quatresous illi jiġi iben is-Sinjura Christine Lecomte u is-Sinjur Bruno Jacques Georges Quatresous u ħu il-minuri Nathan Rene' Jean Quatresous. Ilkatavru tal-imsemmi Julian Jean Rene' Quatresous eventwalment instab fil-baħar, madwar mil 'il barra mix-xatt ta' Portomaso, nhar is-sbatax (17) ta' Awwissu elfejn u sbatax (2017);

4) Illi dan l-inċident u konsegwentament il-mewt ta' Julian Jean Rene' Quatresous seħħew unikament minħabba negliġenza, imperizja u inosservanza ta' diversi liġijiet u regolamenti fosthom dawk marittimi kif ukoll ta' saħħa u sigurta' fuq bastiment da parti tas-soċjetajiet intimati;

5) Illi is-Sinjura Christine Lecomte, is-Sinjur Bruno Jacques Georges Quatresous u il-minuri Nathan Rene' Jean Quatresous soffrew danni b'riżultat tal-mewt ta' Julian Jean Rene' Quatresous;

6) Illi minkejja illi is-soċjetajiet intimati permezz ta' ittri uffiċjali numri 296/2018 u 764/2018 (kopji hawn annessi u mmarkati bħala Dok. A) ġew interpellati sabiex jersqu għal likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni sofferti mill-werrieta ta' Julian Jean Rene' Quatresous huma baqgħu inadempjenti.

Jgħidu għalhekk is-soċjetajiet intimati għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex;

1) Tiddikjara illi is-soċjetajiet intimati Captain Morgan Submarine Limited, Captain Morgan Cruises Limited u Captain Morgan Leisure Limited huma responsabbli tal-inċident li seħħ nhar it-tnax (12) ta' Awwissu elfejn u sbatax (2017) abbord il-bastiment Fernandes II fejn tilef ħajtu traġikament Julian Jean Rene' Quatresous;

2) Tillikwida d-danni sofferti mis-Sinjura Christine Lecomte, is-Sinjur Bruno Jacques Georges Quatresous u il-minuri Nathan Rene' Jean Quatresous bħala werrieta ta' Julian Jean Rene' Quatresous li tilef ħajtu traġikament kawża tal-imsemmi inċident;

3) Tikkundanna lill-intimati in solidum bejniethom jew min minnhom iħallsu lis-Sinjura Christine Lecomte, lis-Sinjur Bruno Jacques Georges Quatresous u lil-minuri Nathan Rene' Jean Quatresous id-danni li jiġu hekk likwidati.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti li minn issa huma inġunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta ġuramentata tas-Soċjeta' Captain Morgan Leisure Limited (is-Soċjeta' konvenuta) tad-29 ta' Marzu 2019 li permezz tagħha ppremettiet u talbet is-segwenti:

1. ILLI r-rikorrenti u cioe Christine Lecomte u Bruno Jacques Georges u l-minuri Nathan Rene` Jean Quatresous, jehtieg li jippruvaw li huma tassew il-werrieta tal-mejjet Julian Quatresous u dan taht id-disposizzjonijiet tal-ligi applikabbli ghall-kwistjoni ta' successjoni f'dan il-kaz;

2. ILLI subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, issocjeta' eccipjenti Captain Morgan Cruises Limited (C4151) m'hijiex illeġittimu kuntradittur u ghandha għalhekk tigi lliberata mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti, u dana stante li hija qatt ma kellha ebda relazzjoni legali jew guridika mal-mejjet Julian Quatresous u lanqas ma hija l-propjetarja tal-bastiment bl-isem 'Fernandes II' li fuqu sehh l-allegat incident;

3. ILLI subordinatament u minghajr pregudizzju, is-socjeta eccipjenti Captain Morgan Leisure Limited (C 3255) wkoll m'hijiex il-legittimu kontradittur u ghalhekk ghandha tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra r-rikorrenti, u dana stante li m'hijiex is-sid tal-vapur in kwistjoni. Dan il-fatt hu maghruf mir-rikorrenti stante li ma nkludewx is-socjeta' eccipjenti Captain Morgan Leisure Limited (C 3255) fl-ittri ufficjali annessi mar-rikors guramentat odjern u liema ittra ufficjali huma enumerati 296/2018 u 764/2018;

4. ILLI minghajr pregudizzju ghall-imsemmija eccezzjonijiet, l-azzjoni odjerna hija wahda intempestiva u dan ghaliex l-inkjesta magisterjali li giet ordnata mill-Magistrat Inkwirenti Dr. Josette Demicoli nhar is-sittax (16) ta' Awwissu tas-sena elfejn u sbatax (2017) ghadha ma gietx konkluza minhabba li l-esperti tal-Qorti ghadhom ma espletawx l-inkarigu lilhom moghti;

5. ILLI minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

6. ILLI subordinatament ghal-hames eċċezzjoni u minghajr pregudizzju, is-socjetajiet eccipjenti qeghdin jichdu bis-sahha kwalsiasi rabta mal-incident u / jew kwalsiasi responsabbilta' ghall-incident u wkoll ghall-allegati danni sofferti mir-rikorrenti. Inoltre, is-socjetajiet eccipjenti

jinsistu illi l-incident in kwistjoni gie kkawzat unikament minhabba l-agir irresponsabbli tal-mejjet Julian Quatresous dovut ghan-negligenza, traskuragni u inosservanza tar-regolamenti da parti tieghu, u dan bhalma ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza odjerna;

7. ILLI minghajr pregudizzju ghas-suespost, d-danni pretiżi mir-rikorrenti huma wkoll ikkontestati, u r-rikorrenti ghandhom iressqu kull prova valida skond il-liġi sabiex jippruvaw it-telf illi allegatament sofrew in segwitu tal-allegat inċident; u

8. ILLI subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, jingħad ukoll illi fl-eventwalita` li s-socjetajiet eccipjenti u jew xi hadd minnhom jinstabu responsabbli għall-allegati danni sofferti mir-rikorrenti, li fil-fehma tas-socjetajiet eccipjenti m'għandux ikun il-każ, dawn is-soċjetajiet xorta waħda huma intitolati jillimitaw ir-responsabbilta` taghhom u dan ai termini tad-dispozizzjonijiet tal-Liġi u senjatament il-Kap. 234 tal-Liġijiet ta` Malta;

9. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skond il-liġi.

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-kawża.

Semgħet u qrat ix-xhieda tal-persuni mressqa fil-perkors tal-Kawża.

Rat li l-kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' Fatt**

F'din il-Kawża l-Attur nomine qiegħed jirrappreżenta lill-eredi skond il-liġi Franċiża tad-defunt Julian Jean Rene' Quatresous. Id-defunt, flimkien ma' għadd ta' persuni żagħżagħ bħalu, ġew Malta biex jiddevertu fost oħrajn f'sensiela ta' summer parties. Fost dawn kien hemm wieħed organizzat fuq il-Vapur bl-isem ta' Fernando II, propjeta' tas-Soċjeta' konvenuta. Meta dan il-vapur kien dieħel lura lejn *The Ferrys* f'tas-Sliema, id-defunt u ħbiebu ddeċidew li jaqbżu minn fuq il-vapur waqt li kien għadu miexi. Qabżu f'baħar imqalleb. Dawk li qabżu kienu sitta b'kollox. Ħamsa rnexxilhom jagħmluha sax-xatt, ħlief għad-defunt li nstab xi tlett ijiem wara fi stat ta' dekomposizzjoni.

Il-familjari tiegħu qua eredi għamlu din il-kawża kontra s-Soċjeta' konvenuta peress li qegħdin jattribwixxu lis-Soċjeta' konvenuta r-responsabbilita' għall-mewt tal-imsemmi u konsegwentement għad-danni minnhom sofferti.

**Punti ta' Liġi**

Il-liġi tikkontempla danni naxxenti minn culpa fl-artikoli 1031 et seq tal-Kodiċi Ċivili.

F'azzjoni bħal din, anke jekk si tratta ta' inċident marittimu xorta jispetta

lill-Attur li jġib il-prova tal-ħtija u li tassew ġarrab id-danni. F'dan ir-rigward *Chorley & Giles* fil-Ktieb tagħhom *Shipping Law* jgħidu li "*The passenger must prove the incident on which he bases his claim"* (ara **Shipping Law, 7 th Ed, pg 106**). Għalkemm irid jingħad ukoll, li l-Kaptan li għandu taħtu l-kontroll tal-vapur u għalhekk huwa responsabbli għal negligenza żgħira u ċioe' levissima (Ara Kap 234 tal-Liġijiet ta' Malta).

Il-Qrati tagħna bosta drabi spjegaw x'inhuma l-elementi ġuridiċi biex din l-azzjoni tirnexxi. L-Art 1031 tal-Kap 16 jistabilixxi li "*kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu"*. Din in-norma tal-liġi fil-kamp tar-responsabbilita` jiskatta l-prinċipju li min ikun l-awtur tal-ħsara huwa obbligat jagħmel tajjeb għall-konsegwenzi negattivi li l-att iġib miegħu. Il-liġi ġenerali tagħna ma tagħtix tifsira ta` culpa iżda bħala effett tal-Art 1032(1) tal-Kap 16 tidentifikaha "*bħala mġieba fejn jirriżulta nuqqas ta` prudenza, nuqqas ta` diliġenza u nuqqas ta` ħsieb tal-bonus paterfamilias. Huwa paċifiku fil-ġurisprudenza tagħna illi "min ifittex għad-danni jrid jipprova mħux biss l-att jew ommissjoni kolpuza iżda li dak l-istess att jew ommissjoni għandhom konnessjoni ta` kawża u effett mad-danni sofferti*" (ara - **Kollez. Vol. XXX. I. 142**).

Huwa wkoll aċċettat fil-ġurisprudenza tagħna li "l-*kolpa fil-kaz ta` fatt dannuż li minnu toriġina l-azzjoni akwiljana tavvera ruħħa filli wieħed jagħmel att volontarjament u jonqos li jipprevedi l-effett dannuż ta` dak il-fatt meta seta` jipprevedi dak l-effett*" (ara - **Kollez. Vol. XLII. I. 74**).

Dan ifisser illi wieħed jeħtieġ jorbot l-att kolpuż minħabba imprudenza jew nuqqas ta` diliġenza mal-prevedibilita` ta` l-event dannuż; *"prevedibilita` din li trid tkun ta` probabilitajiet raġjonevoli u mhux ta` possibilitajiet remotissimi u inverosimili"* (ara – **Kollez. Vol. XLVIII. I. 258**). Ikompli jingħad fis-Sentenza riportata fil-**Kollez. Vol. XXIV. I. 172**, illi tissussisti l-culpa: "*quando vi ha la violazione di un dovere ed una volontaria omissione di diligenza per cui non si prevedono le conseguenze della propria azione od omissione, e si viola il diritto altrui, senza volerlo ed anche senza avvedersene".* Filwaqt li fis-**Sentenza fl-ismijiet Michael D`Amato noe - vs- Filomena Spiteri et deċiża minn din il-Qorti (PA/PS) fit-3 ta` 7 Ottubru 2003,** b`referenza għall-Art 1031 tal-Kap 16, jingħad hekk: "*Din in-norma tal-liġi fil-kamp tar-responsabilita` akwiljana jew extrakontrattwali tikkostitwixxi l-punt kardinali in subject materia, u tennunċja l-prinċipju in virtu ta` liema l-lezjoni kaġjonata lis-suġġett tobbliga lill-awtur tal-lezjoni li jirriżarċixxi l-konsegwenzi negattivi, ossija d-danni, kompjuti bl-att tiegħu, Issa kif saput, il-fonti primarju tar-responsabilita` ċivili hi ravvizata fl-imġieba imputabbli għal dolo jew culpa. Il-liġi ċivili tagħna ma tiddefinixix il-kolpa ċivili fl-għemil izda tagħmlu jikkonsisti fin-nuqqas ta` prudenza, nuqqas ta` diliġenza u nuqqas ta` ħsieb tal-bonus paterfamilias* **[Artikolu 1032 (1), Kodiċi Ċivili].** Dan jikkorrispondi in *criminalibus* għan-nuqqas ta` ħsieb, bi traskuraġni, jew b` nuqqas ta` ħila fl-arti jew professjoni tiegħu jew nuqqas ta` tħaris tar-regolamenti statwit fl-Artikolu 225 tal-Kodiċi Kriminali". **Fis-Sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fil-15 ta` Diċembru 2015 fl-ismijiet Paul Azzopardi et vs Charles Grech et** ingħad ukoll illi

:- *"… jidher li l-azzjoni attriċi tinbena fuq dak li jipprovdi l-artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili marbut mad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1038 tal-istess Kodiċi. Illi huwa prinċipju ewlieni f`azzjoni ta` danni li min jallega li ġarrab ħsara bi ħtija jew l-għamil ta` ħaddieħor irid jipprova r-rabta bejn il-ħsara mġarrba u dik il-ħtija jew dak l-għamil. Għalkemm il-liġi tagħna ma tfissirx x`inhi l-"ħtija", madankollu tgħid li jkun jitqies fi ħtija min f`għemilu jonqos li juża l-prudenza, l-għaqal u l-ħsieb ta` missier tajjeb tal-familja."*

Imma kif dejjem irribadit din il-Qorti, minbarra n-normi ġenerali li jistabilixxi l-Kodiċi, hemm ukoll dawk li huma partikulari li jirregolaw għemil speċjalizzat jew ta' kategorija speċjali. Fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti huwa wieħed li jirrigwarda inċident li seħħ fuq il-baħar u ċioe' marittimu.

Artikolu 100. (1) tal-kap 234 jiddisponi li "*Fil-qadi ta' dmirijietu l-kaptan huwa responsabbli għal kull traskuraġni jew kondotta ħażina wkoll jekk il-ħtija tkun żgħira ħafna, u jkun responsabbli għall-ħsara kollha li tinqala' minn nuqqas ta' tħaris ta' xi liġi jew regolament; ir-responsabbiltà tiegħu tispiċċa biss jekk jintwera li hu eżerċita l-attenzjoni kollha xierqa.*

*(2) Il-kaptan huwa responsabbli għat-tmexxija u għan-navigazzjoni xierqa tal-bastiment, għas-sigurezza tal-bastiment, tal-ekwipaġġ u tal-passiġġieri tiegħu, u huwa responsabbli wkoll li jilqa' malajr, u jistiva, jieħu ħsieb u jiżbarka kif imiss il-merkanzija, u li jżomm id-dixxiplina abbord; u hu għandu jkun abbord fil-ħinijiet kollha matul il-vjaġġ."* (Emfażi tal-Qorti).

Fis-**Sentenza fl-ismijiet Boyce -vs- Bayliffe", deċiża mill-Qrati Ingliżi fl-1807**, Lord Ellenborough stqarr li "*a captain of a ship has authority to do what was necessary for the safety of those on board*", bil-konsegwenza li jekk il-kaptan jonqos li jintervjeni u juża l-awtorita' tiegħu fl-interess ta' min ikun abbord, u passiġġier isofri ħsara li l-kaptan, bl-awtorita' tiegħu, seta' jevita, allura dik il-persuna fl-awtorita' tkun responsabbli għal dawn id-danni.

Dan it-tagħlim Ingliż huwa konsonanti ma' dak li trid il-liġi tagħna f'artikolu 169. (1) tal-istess kap ta' liġijiet meta jiddisponi li "*Il-kaptan ikollu awtorità fuq l-ekwipaġġ tiegħu, <u>il-passiġieri tiegħu</u> u persuni abbord, biex jinforza ubbidjenża għall-ordnijiet leġittimi tiegħu sabiex il-bastiment ibaħħar u jitmexxa u sabiex jinżamm il-bonordni abbord*" (emfażi tal-Qorti).

U fl-aħħar nett 306(1), dejjem tal-istess Liġi, jingħad li "*Il-kaptan ta' jew il-persuna inkarigata minn bastiment malti għandha, safejn tista' tagħmel hekk mingħajr ma tipperikola serjament il-bastiment, l-ekwipaġġ u l-passiġġieri (jekk ikun hemm) tagħha, tagħti għajnuna lil kull persuna li tinsab fuq il-baħar fil-periklu li tista' tintilef*". Minn dawn il-brani tal-liġi jirriżulta li ħajjet il-passiġier fuq opra tal-baħar hija imħarsa sakemm ikun umanament possibbli mill-Kaptan tal-vapur. Pero' din il-Qorti żżid tgħid li l-passiġġier irid jimxi id f'id mal-kaptan u li jobdi l-ordnijiet li lilu jkunu mogħtija.

**Konsiderazzjonijiet**

Bħal dejjem tagħmel din il-Qorti f'kawżi bħal dawn, qabel il-likwidazzjoni tad-danni, trid l-ewwel tkun riċerkata r-responsabbilita' għall-inċident li wassal għal din il-kawża. Wara, jekk dejjem ikun il-każ, il-Qorti tgħaddi biex tillikwida d-danni.

_Responsabbilita'_

Huwa paċifiku bejn il-partijiet, li bħala fatt id-defunt mhux waqa' fil-baħar waqt il-vjaġġ iżda flimkien ma' oħrajn qabeż fil-baħar b`mod volontarju bit-tir li jgħum sax-xatt.

Fir-rikors ġuramentat, imkien ma jgħid li Julian Jean Rene' Quatresous, id-defunt, qabeż minn jheddu, iżda li seħħ inċident. Huwa fl-ittra uffiċjali li jissemma' li qabeż (a' fol 7). L-Awtoritajiet ġew infurmati li "*On the 12th August 2017, at around 00.30hrs. St Julian Police were informed that six persons had jumped off the leisure boat 'Fernandez' in the sea about half a mile out from the coast of Portomaso …"* (a' fol 63 Emfażi tal-Qorti). Filwaqt li l-Maġistrat tal-Għassa Aaron Buġeja nforma lill-ispettur, li ma kienx hemm għalfejn issir inkjesta peress li dawn kienu qabżu minn jheddhom, fi ftit kliem, il-Maġistrat bħal donnu ħass li lanqas kien hemm għalfejn jiskopri min kien reponsabbli għall-inċident tant li l-każ kien ovvju. L-istess konklużjoni waslu għaliha f'survey report Vassallo & Associates (a' fol 637).

Mill-provi jirriżulta li ħadd minn dawk li qabżu, inkluż id-defunt ma kien minuri u li l-party fuq l-opra kien qiegħed ikun organizzat skond il-liġi. Imkien ma tressqet xi prova li dan ma kienx minnu, anzi għall-kuntrarju, l-partijiet kollha joħduħ bħala fatt li kien kollox liċenzjat.

Tul il-kawża saret emfażi kbira mill-Attur dwar l-apparat ta' salvataġġ, in-numru ta' passiġiera li kien hemm fuq l-opra u fatturi oħra ta' sigurta'. It-tagħmir ta' salvataġġ kien hemm (a' fol 288). Anke jekk l-Atturi u l-oħrajn li qabżu, qalu li ma rawħx jew ma kienx hemm, għal din il-Qorti huwa ċar biżżejjed li fil-fatt kien hemm. Paul Caruana, engineer marittimu ta' esperjenza jgħid hekk:

"*Inti għandek lista ta' safety equipment … mniżżla f'dak iċ-ċertfikat. Dak ċ-ċertifikat huwa detailed. U fir-rapport li noħorġu aħna, kull biċċa equipment li aħna niċċekkjaw … għax ħafna drabi dawn jiskadu, qegħda imniżżla hemm hekk. Jiġifieri ħa ngħidlek jiena hu li r-rapport tagħna kollu u fih kull biċċa equipment li aħna rajna. U li aħna kkonfermajna li huwa tajjeb*" (**a' fol 482**). **Ikompli jispjega**, "*Iva, jiena dak in-nhar, wara li ġara dan l-inċident, jiena kont mort abbord, tlabt li mmur abbord, biex jiena inkun ċert illi l-għoli tar-railing tal-vapur, kien dak lu hu preskritt … li jrid ikun metru. U hekk kien metru… kif jitolbu r-regoli."* (**a' fol 485**). Jiġifieri, ma setax ikun li persuna tegħlibha rasha u taqa' il-baħar involontarjament, dak li jkun bil-fors irid jagħmel sforz biex jaqbeż ir-

railing, kif fil-fatt għamlu id-defunt u sħabu.

Il-Qorti ma tarax li fiċ-ċirkostanzi li kwistjoni tal-apparat ta' salvataġġ tant kellha importanza fid-dawl tal-mekkanika ta' kif ġara l-inċident għaliex mingħajru jew bih, id-defunt bħal sħabu, kienu predeterminati li jaqbżu fil-baħar waqt li l-vapur kien għadu miexi. Louis Salle' jixhed li "*We decided to jump off despite being night time, rough and … because we thought we would gain time and were not aware that the sea was rough, and we knew how to swim … When we jumped off the boat, 'we knew what we were doing'* (**a' fol 357 u 358**). Raphael Crepin ukoll jixhed li "*We decided to jump off at the beginning of the party … When we jumped off the boat, it was still moving".* Il-Kaptan jikkonferma li fil-mument li qabżu n-nies il-vapur kien miexi 8.5 knots. **(Ara wkoll rapport tal-Pulizija a' fol 248).** Minn dawn il-brani, il-Qorti għandha għalfejn tifhem, li kien hemm pjan konċertat biex jaqbżu u huwa ċar li dan sar qabel ma bdew jixorbu.

Is-sitta li qabżu kienu jafu li t-temp ma kienx jippermetti li issir bravura bħal din, għaliex il-baħar kien qawwi. Raphael Crepin jgħid ċar u tond li "*The sea was rough when the boat departed and it remained rough as we sailed in it"* u Salle' Louis, wieħed minn dawk li qabeż jixhed hekk; "*There were a lot of waves and wind, which caused the boat to pitch a lot … We therefore all decided to jump off the boat in order to get back quicker and continue the evening in a night club in Paceville. We were therefore spread out in the water as the boat continued to move forward while we jumped … There were a lot of waves, it was dark and we had a lot of trouble seeing each other* (**a' fol 119 Emfażi tal-Qorti)**. Hugo Mouries, wieħed minn dawk li qabżu, jispjega hekk: "*As we left the port and there was a heavy wind blowing. The boat was rolling a lot and you had to hold in order to move without falling over or bumping into other people"* (**a' fol 107 Emfażi tal-Qorti**). Fl-aħħar nett Brian Micallef mill-uffiċċju meteorloġiku jikkonferma dan kollu (a' fol 831).

Għalhekk jirriżulta, li s-sitta li qabżu kienu pjanaw minn qabel li jagħmlu hekk, li jagħmlu hekk mingħajr ma jinfurmaw lill-Kaptan, li jaqbżu waqt li l-vapur kien miexi u dan minkejja l-kundizzjonijiet klimatiċi avversi biex komplew ħolqu diffikulatjiet loġistiċi mhux żgħar għat-tfittxija tagħhom f'każ li jsibu rwieħhom f'diffikulta'. Skond wieħed mix-xhieda dan kollu għamluħ "*in order to get back quicker and continue the evening in a night club in Paceville"* (**a' fol 119).** Fil-**Marine Accident Report** hemm imniżżel hekk: "*Six passengers decided to jump off the vessel while under way making way to Sliema Ferry*" (**a' fol 182**). Jekk dan kienx bluha taż-żogħżija, il-Qorti ma tafx x'jista' jkun.

Għalhekk kwalunkwe argument dwar tagħmir ta' salvataġġ u ħwejjeġ oħra anċillari, fil-kuntest ta' dan l-inċident partikulari, ftit li xejn għandu rilevanza. Kien ikollu rilevanza kieku per eżempju kien hemm xi kolliżjoni marittima jew jekk il-vapur beda jagħmel l-ilma. Għaliex f'ċirkostanza bħal din it-tagħmir ta' salvataġġ tassew kien ikun importanti. Imma mhux meta min qabeż minn jheddu kien diġa' iddeċieda li jaqbeż fil-baħar

indipendentement minn dan it-taghmir. Aktar u aktar meta l-opra kienet għadha miexja, fid-dlam, f'baħar imqalleb.

Sakemm il-vapur waqaf kien diġa' tbiegħed xi nofs mil minn fejn saret il-qabża biex b'hekk kull operazzjoni ta' salvataġġ ikkumplikat ruħħa immensament. L-Attur jikkontendi wkoll li qabel ma kienx hemm ebda public announcement dwar sigurta'. Il-kaptan jiċħad dan (**a' fol 751**). Imma anke li kieku dan huwa minnu, għal darba oħra, jiġi rilevat li dawk li qabżu, b'dan l-announcement jew mingħajru, kienu determinati jaqbżu xorta. Di pju', biex inti ma taqbiżx il-baħar, waqt li l-vapur huwa miexi fiċ-ċirkostanzi msemmija, ma hemmx ħtieġa ta' announcement għaliex dan manifestament tiddettaħ ir-raġuni u l-bon sens'.

Is-system of conduct rikalċitranti ta' dawk li qabżu, kienet diġa' immanifestat ruħħa qabel. Jekk wieħed jaqra x-xhieda ta' Emmanuel Previ, inġinier, dan jirrakkonta, li tlieta minnhom kienu qabżu l-baħar qabel f'San Pawl il-Baħar, meta huwa kien qiegħed itella' l-ankra. Dawn saħansitra kienu qabżu meta l-Kaptan kien diġa' għamel *announcement* biex ħadd ma jinżel fil-baħar. Dawn xorta qabżu, meta l-vapur kien diġa' xegħel il-magni tant kellhom jittellgħu bis-sellun (a' fol 309 u tergo). Kif jgħidu, il-ġurnata minn kmieni filgħodu turik.

Kwantu għal dawk li organizzaw il-Party, Cosimo Dambra, l-organizzatur ta' *Lazy Pirate Boat Parties* jixhed li "*we provide our catering, a deejay, eh bar staff, ehhh security"* (**a' fol 450**). Di fatti s-Soċjeta' konvenuta żammitu responsabbli għall-inċident permezz ta' diversi ittri uffiċjali (**a' fol 640 sa 642**). Cosimo Dambra jorganizza l-party u l-Captain Morgan jipprovdi l-boat u l-crew (**a' fol 453**). Jgħid ukoll li provdew żewġ securities "*to keep an eye on the people*" (**a' fol 453**). Ikunu nies liċenzjati li jinkrew minn kumpanija oħra *Crowd Safety Management Ltd* (ibid). Il-kaptan Joe Gabriele wkoll jinsisti li dawn m'humiex parti mill-crew (a' fol 891 tergo). Il-kaptan Gabriele jgħid li s-sigurta' li jipprovdi l-organizzatur tal-party (charterer, f'dan il-każ Lazy Pirate Party) tagħmel ir-rounds u jekk tosserva li hemm xi ħaġa mħux flokha tinforma mill-ewwel lill-kaptan (**a' fol 892 tergo**). Jirriżulta li ħadd ma attira l-attenzjoni tal-Kaptan li kien hemm xi ħaġa rregolari u qabel qabżu s-sitta, ma jirriżultax li kien xi għemil irregolari jew vjolenti fuq il-vapur.

Imma jrid jingħad li ħafna mix-xhieda ħbieb tad-defunt allegaw, li qabel ma qabżu kienu ilhom jixorbu, inkluż id-defunt. Milll-eżami forensiku jirriżulta li d-defunt *"… may have cosnsumed alcohol before he died but the amount and its possible effects cannot be determined due to the antre of the specimens supplied. These were taken 6 days after death … he had used cannabis previously but it is not possible to say how much or when or whether or not he would have been effected by cannabis at the time of death"* (**a' fol 720**).

Imma wieħed jistenna li, xorb dejjem ikun hemm u jattendu għalih nies adulti. Il-kontroll ta' kemm tixrob hija fid-diskrezzjoni tal-konsumatur. Kieku kellu jkun argumentat mod ieħor, persuna li jkollha kolliżjoni

stradali għaliex xorbot iżżejjed tista' tattira wkoll ir-responsabbilta' tal-ħanut li jkun serva x-xorb, li hija ħaġa inkonċepibbli. Hawnhekk qed nitkellmu dwar persuni li huma adulti iżda sfortunatament ġabu rwieħhom ta' tfal. Di piu' il-Qorti terġa' tfakkar li l-ftehim li jaqbżu kien sar qabel ma kienu bdew jixorbu.

Fl-aħħar nett irid jingħad li l-Kaptan jispjega x'manuvri għamel wara li qabżu: "*Nagħmel ex-practise, nagħmel l-affarijiet li nagħmel is-soltu. Indur, nipprova infittxhom, nixgħel is-search light, insikket, waqqaft id-disco, waqqaft in-nies milli jitkellmu biex nismaghhom, jghajtu* …" (a' fol 237). Wettaq ukoll il-manuvra msejjħa bħala *Williamson turn*. Li tkun meħtieġa sabiex jipprova jiġi fuq l-istess post minn fejn qabżu. Il-Qorti ma tista' issib ebda responsabbilita' da parti tal-kaptan li setgħet waslet għal dak li ġara.

Fil-fehma tal-Qorti l-kaptan Joe Gabriele jagħmel osservazzjoni valida: "*Ir-root cause fil-verita hija akward ħafna ħlief li wieħed jista' jgħid li at the end of the day ir-regolamenti qegħdin hemm biex, to prevent li nies jaqgħu l-baħar. Imma ma hemmx regolamenti li jitolbu u lanqas fil-prattika ma jiġri hekk, jew li wieħed jipprentendi hekk li tara kif tagħmel u you know iżżomm lil min irid jaqbez fil-baħar… għaliex nafu li kien hemm aktar minn persuna waħda, did so of their free will. Of their own will*" (**a' fol 890).**

F'dan ir-rigward fis-**Sentenza tas-7 ta' Diċembru, 2004 fl-ismijiet Carmel u Carmen Polidano et -vs- Korporazzjoni Enemalta et per Imħallef Giannino Caruana Demajo** ġie osservat "*li persuna li tmur tfittex il-perikolu ma tistax twaħħal f'ħaddieħor jekk iġġarrab xi ħsara; dan huwa każ fejn volenti non fit iniuria*". Din il-kawża kienet tirrigwarda persuna li resqet lejn moll u fejn ma kellhiex tkun. F'dan ir-rigward il-Qorti għamlet osservazzjoni li tista' tgħid hija perfettament applikabbli għall-każ odjern:

"*Lanqas jista' jingħad, kif tgħid iċ-ċitazzjoni, illi l-konvenuti naqsu li jassikuraw is-sigurtà ta' min jinqeda bil-moll, għax ma tistax raġonevolment tistenna li l-konvenuti setgħu jobsru li xi ħadd sejjer jinqeda bil-moll kif inqeda bih l-attur*". Din l-osservazzjoni hija ugwalment applikabbli għall-każ odjern, għaliex kif qatt xi ħadd seta' jobsor li xi ħadd ser jaqbeż il-baħar minn fuq vapur miexi, fid-dlam u f'baħar imqalleb.

Il-Qorti għalhekk ser tkun qed tiċħad it-talbiet Attriċi.

**Deċide**

Għaldaqstant il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-kawża bil-mod segwenti:

Fil-waqt li **tilqa' is-sitt eċċezzjoni** tas-Soċjeta' konvenuta **tiċħad it-talbiet kollha** Attriċi.

Spejjes tal-kawża għall-Atturi."

**<u>RIKORS TAL-APPELL TAL-ATTURI (13.11.2024):</u>**

6. L-aggravji tal-appellanti, in suċċint, huma s-segwenti:

(i) **<u>L-ewwel aggravju</u>: Żball fl-elenku tal-fatti kif ġraw dakinhar tal-inċident.**

Fl-ewwel lok u b'referenza għal dik il-parti tas-sentenza fejn l-Ewwel Qorti qalet li kienu sitta li qabżu b'kollox, u li *"Ħamsa rnexxielhom jagħmluha sax-xatt, ħlief għad-defunt…"* jgħidu li fil-fatt kien żagħżugħ wieħed biss li rnexxielu jgħumha, għaliex l-erbgħa l-oħra ġew salvati mill-Forzi Armati. Jenfasizzaw ukoll li jirriżulta l-Ewwel Qorti ma kinitx konxja tal-fatt li kienu l-Forzi Armati li nfurmaw lill-Kaptan li kien għad fadal xi ħadd nieqes għaliex il-Kaptan ma kienx jaf li qabżu l-baħar xi żgħażagħ u meta sar jaf lanqas biss kien jaf kemm fil-fatt qabżu.

(ii) **<u>It-tieni aggravju</u>: Il-fatt li żgħażagħ qabżu minn jeddhom ma jeħlisx lil ħaddieħor minn kull responsabbiltà. Apprezzament ħażin tal-prinċipju "*volenti non fit injuria*".**

Fit-tieni lok jgħidu li l-Ewwel Qorti applikat il-prinċipju "*volenti non fit injuria"* b'mod erronju. Jgħidu li għalkemm ma kkontestawx li Julian Quatresous qabeż fil-baħar minn jeddu l-Ewwel Qorti, li spjegat dak li seħħ bħala "*bluha taż-żogħżija*" ma għamlitx analiżi approfondita dwar kemm persuni ta' nazzjonalità barranija setgħu jkollhom għarfien tad-distanza fuq il-baħar bejn il-pożizzjoni tal-vapur u l-ewwel art; u li bl-istess mod iż-żgħażagħ ma setax kellhom għarfien tad-diffikultà li tgħum f'baħar imqalleb u fid-dlam. Jgħidu li n-nuqqas ta' kontroll fuq il-konsum tal-alkoħol ikkontribwixxa għall-fatt li ma kellhomx il-fakultajiet li jagħrfu l-periklu u r-riskju.

Jgħidu wkoll li ma setax ikun li l-pjan li jaqbżu sar qabel ma bdew jixorbu għaliex il-bastiment kien diġà qed ibaħħar lejn Tas-Sliema meta qabżu, u cjoè wara l-konsum tal-alkoħol. Jgħidu li dan juri żball ta' apprezzament ta' fatt importanti ta' kif seħħ l-inċident.

Jagħmlu referenza għat-tagħlim ta' "<u>Charlesworth</u>" f'"*The Law of Negligence"* fis-sens li biex tiġi applikata d-difiża ta' "*volenti non fit injuria"* irid jirriżulta li (1) il-vittma *"had full*

*knowledge of the nature and extent of the risk to be run*", u li (2) "*the circumstances are such to show that in incurring the risk he did it on the terms that the loss should fall on him and not on some other person*." Isostnu li ż-żewġ rekwiżiti senjalati minn Charlesworth ma jirriżultawx.

Jgħidu wkoll li għalkemm iż-żgħażagħ setgħu jaraw li l-baħar kien imqalleb, ma jfissirx li kien hemm il-volontarjetà f'dak kollu li seta' jiġri meta qabżu. Jargumentaw li ż-żgħażagħ ma setgħux għarfu l-potenzjal tar-riskju li daħlu fiha, u li kien il-Kaptan li kellu l-obbligu li l-ebda persuna ma taqbeż il-baħar f'dawk il-kundizzjonijiet tal-baħar.

**(iii) <u>It-tielet aggravju</u>: In-negliġenza u traskuraġni tal-Kaptan u l-ekwipaġġ seħħew bi ksur tal-Liġijiet applikabbli.**

Fit-tielet lok jilmentaw li l-Ewwel Qorti iffukat kważi għal kollox fuq l-imġieba taż-żgħażagħ li qabżu minn fuq il-vapur u skartat l-obbligi ta' min organizza l-avveniment.

Isostnu li min kien responsabbli għall-*party* fuq il-Fernandes II, li jinkludi konsum alkoħoliku mingħajr kontroll, kien ukoll responsabbli li jiżgura "*a safe environment*" għall-passiġġieri.

Jgħidu li mill-provi jirriżulta li dakinhar tal-inċident ma kien hemm l-ebda avviż ta' sigurtà da parti tal-ekwipaġġ jew mill-Kaptan, u lanqas ma sar *headcount* tal-passiġġiera. Isostnu wkoll li kien hemm nuqqas ta' sorveljanza li fl-aħħar mill-aħħar kienu responsabbli għaliha l-konvenuti.

**(iv) Ir-raba' aggravju: Apprezzament żbaljat tal-prevedibbiltà *o meno* tal-inċident.**

Jargumentaw ukoll li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkummentat li "*kif xi ħadd seta' jobsor li xi ħadd ser jaqbeż il-baħar minn fuq vapur miexi, fid-dlam u f' baħar imqalleb*."

Isostnu li l-inċident kien prevedibbli, għaliex il-bastiment kien ħiereġ f'baħar imqalleb, kien ser ikun hemm xorb bla limitu abbord, u l-bastiment kien ser ikun mimli żgħażagħ, età li hija predisposta għat-twettiq ta' azzjonijiet mingħajr ħsieb approfondit. Jaċċennaw ukoll għal xi *reviews* negattivi li tħallew fuq is-sit elettroniku *Tripadvisor* qabel ma seħħ l-inċident, liema *reviews* jenfasizzaw ċirkostanzi li jistgħu jqajmu tħassib serju fuq is-sigurtà u l-prekawzjonijiet meħuda waqt tali attivitajiet.

Isostnu wkoll li l-inċident seta' ġie evitat: dan billi l-avveniment ma kienx isir jew billi jittieħdu miżuri aktar adegwati għall-kundizzjonijiet u ċ-ċirkostanzi li fihom jinstabu l-passiġġieri.

**Il-ħames aggravju: Il-Qorti Ċivili mhix marbuta mal-konklużjonijiet ta' inkjesta kriminali.**

Fil-ħames lok jilmentaw li fis-sentenza appellata ngħatat wisq enfasi fuq l-istħarriġ tal-inkjesti minflok ma saret analiżi approfondita mill-aspett tal-obbligi ċivili kif elenkati fl-aggravji preċedenti.

**RISPOSTA tas-soċjetà Captain Morgan Leisure Ltd għall-APPELL PRINĊIPALI tal-appellanti (28.11.2024):**

7. Is-soċjetà konvenuta Captain Morgan Leisure Ltd wieġbet biex tagħti r-raġunijiet tagħha għaliex l-aggravji tal-atturi huma infondati. Hija ssostni li s-sentenza appellat hija ġusta u timmerita konferma ħlief għal dak li qiegħed titlob fl-appell inċidentali tagħha.

**APPELL INĊIDENTALI tas-soċjetà konvenuta Captain Morgan**

**Leisure Limited (C3255):**

8. Fl-appell inċidentali tagħha s-soċjetà konvenuta Captain Morgan Leisure Limited ressqet erba' aggravji:

**(i) L-ewwel aggravju:**

Fl-ewwel lok tgħid l-atturi Christine Lecomte, Bruno Jacques Georges Quatresous u Nathan Renè Jean Quatresous ma ppruvawx li huma verament il-werrieta ta' Julian Quatresous u għalhekk l-ewwel (1) eċċezzjoni kellha tiġi milqugħa.

**(ii) It-tieni aggravju:**

Fit-tieni lok tgħid li l-Ewwel Qorti naqset li tillibera lis-soċjetà Captain Morgan Cruises Ltd u lis-soċjetà Captain Morgan Leisure mill-osservanza tal-ġudizzju minkejja li ma kellhom l-ebda relazzjoni ġuridika ma' Julian Quatresous u lanqas ma huma proprjetarji tal-bastiment; b'hekk it-tieni (2) u t-tielet (3) eċċezzjonijiet kellhom jintlaqgħu.

**(iii) It-tielet aggravju:**

Fit-tieni lok tgħid li l-Ewwel Qorti naqset li tikkunsidra li l-azzjoni hija waħda intempestiva tenut kont tal-fatt li ġiet intavolata qabel ma ġiet konkluża l-inkjesta maġisterjali rigward is-sejba tal-katavru. B'hekk issostni li r-raba' (4)

eċċezzjoni kellha tintlaqa`.

(iv) **Ir-raba' aggravju:**

Fir-raba' lok tgħid li mingħajr preġudizzju għal dak premess, it-talbiet tal-appellanti wkoll kienu infondati fil-fatt u fid-dritt u dan bħalma ġie ppruvat fil-mori tal-kawża. B'hekk issostni li l-ħames (5) eċċezzjoni kellha tintlaqa'.

**RISPOSTA tal-atturi għall-APPELL INĊIDENTALI tas-soċjetà konvenuta Captain Morgan Leisure Ltd (27.12.2024):**

9. L-atturi wieġbu biex jagħtu r-raġunijiet tagħhom għaliex l-appell inċidentali għandu jiġi miċħud.

**KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI:**

10. Din il-Qorti ser tgħaddi biex tikkunsidra l-ewwel tliet (3) aggravji li għamlet is-soċjetà konvenuta peress li dawn jirrigwardaw l-ewwel erba' (4) eċċezzjonijiet preliminari. L-Ewwel Qorti ma qisitx tali eċċezzjonijiet preliminari iżda għaddiet mal-ewwel sabiex tikkunsidra l-mertu, ċjoè r-responsabbiltà *o meno* tas-soċjetà konvenuta għall-inċident in kwistjoni; fil-fatt lanqas biss iddeċidiet tali eċċezzjonijiet preliminari.

**L-ewwel aggravju tas-soċjetà konvenuta Captain Morgan Leisure Ltd:**

11. L-ewwel aggravju tas-soċjetà konvenuta Captain Morgan Leisure Ltd jirrigwarda l-ewwel eċċezzjoni li taqra hekk:

> *"1. ILLI r-rikorrenti u cioe Christine Lecomte u Bruno Jacques Georges u l-minuri Nathan Rene` Jean Quatresous, jehtieg li jippruvaw li huma tassew il-werrieta tal-mejjet Julian Quatresous u dan taht id-disposizzjonijiet tal-ligi applikabbli ghall-kwistjoni ta' successjoni f'dan il-kaz;"*

12. L-attur *nomine*, fin-nota tas-sottomissjonijiet tiegħu tad-29 ta' April 2024 kien għamel is-segwenti punti fir-rigward ta' din l-ewwel eċċezzjoni:

(i) Fl-ewwel lok aċċenna għar-rikors ġuramentat fejn qal li Christine Lecomte, Bruno Jacques Georges Quatresous u l-minuri Nathan Renè Jean Quatresous "*bil-ġurament tagħhom iddikjaraw li huma l-werrieta tad-decujus Julian Jean Rene` Quatresous*." Sostna li dan il-fatt ma ġiex ikkontestat mis-soċjetajiet konvenuti minkejja li kellhom kull opportunità li jagħmlu l-eżami/kontroeżami tagħhom. Semma wkoll li anke waqt il-kontroeżami tas-sinjura Christine Lecomte tat-13 ta' Lulju 2002 dan il-fatt qatt ma ġie kkontestat.

(ii) Fit-tieni lok aċċenna għall-fatt li Christine Lecomte fl-affidavit

tagħha tat-13 ta' Mejju 2018 iddikjarat li "*I am the mother of Julian Jean Rene` Quatresous, born on 29 October 1997*".[2] Fakkar ukoll li dan il-fatt ġie anke kkonfermat mill-inkjesta maġisterjali ordnata mill-Maġistrat Josette Demicoli, fejn kien permezz tal-omm Christine Lecomte li ġie kkonfermat id-DNA tad-*decuius*.

(iii) Fit-tielet lok aċċenna għall-fatt li Julian Jean Rene` Quatresous miet fl-età ta' 19-il sena u li għaldaqstant miet *ab intestato*. Huwa qal li s-suċċessjoni tiegħu għalhekk tiġi ddeterminata mill-Artikolu 788 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jaqra hekk:

*"**788**. Meta ma jkunx hemm testment validu, jew jekk it-testatur ma jkunx iddispona mill-ġid tiegħu kollu, jew jekk il-werrieta istitwiti ma jkunux iridu jew ma jkunux jistgħu jaċċettaw il-wirt, jew jekk ma jkunx hemm lok għal jedd ta' akkrexximent bejn il-werrieta, ikun hemm lok, għal kollox jew għal biċċa, għas-suċċessjoni ab intestato bis-saħħa tal-liġi."*

u spjega kif skont l-Artikolu 812 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta meta persuna tmut mingħajr ma tħalli warajha tfal jew dixxendenti oħra u lanqas lil martu jew żewġha, il-wirt jgħaddi għand il-ġenituri u l-aħwa:

*"**812**. Meta l-mejjet ma jġalli warajh ebda tfal jew dixxendenti oħra, lanqas lil martu jew żewġha, il-wirt jgħaddi:*

*(a) jekk ikun hemm axxendent jew axxendenti u ma jkunx hemm qraba kollaterali diretti: għall-eqreb axxendent jew axxendenti;*

[2] Fol 155

> *(b) jekk ikun hemm axxendent jew axxendenti u qraba kollaterali diretti: nofs għall-eqreb axxendent jew axxendenti u n-nofs l-ieħor għall-qraba kollaterali diretti;*
>
> *(c) jekk ma jkun hemm ebda axxendent jew axxendenti iżda jkun hemm qraba kollaterali diretti: għall-qraba kollaterali diretti; u*
>
> *(d) jekk la jkun hemm axxendent jew axxendenti u lanqas qraba kollaterali diretti: għall-eqreb qarib kollaterali tkun liema tkun il-linja li fiha jkun jinsab dak il-qarib kollaterali."*

13. Fis-sentenza tagħha, l-Ewwel Qorti, taħt l-intestatura "**Punti ta' Fatt**", qalet li:

> *"F'din il-kawża l-attur nomine qiegħed jirrappreżenta lill-eredi skont il-liġi Franċiża tad-defunt Julian Jean Rene` Quatresous.*
> *…*
> *Il-familjari tiegħu qua eredi għamlu din il-kawża kontra s-soċjetà konvenuta peress li qegħdin jattribwixxu lis-soċjetà konvenuta r-responsabbilta` għall-mewt tal-imsemmi u konsegwentement għad-danni minnhom sofferti."*

mingħajr ma spjegat kif waslet għall-konklużjoni li l-atturi effettivament ppruvaw li huma l-eredi tal-istess Julian Jean Renè Quatresous taħt il-liġi Franċiża, u mingħajr ma ppronunzjat ruħha dwar l-ewwel eċċezzjoni.

14. Is-soċjetà konvenuta fl-appell inċidentali tagħha ssostni li l-atturi fil-fatt naqsu milli jippruvaw li huma verament il-werrieta ta' Julian Quatresous u li l-ebda prova dokumentarja ma tressqet f'dan is-sens. Hija tagħmel is-segwenti punti fir-rigward:

(i) Fl-ewwel lok tgħid li hemm inkonsistenza dwar min effettivament hu l-werriet ta' Julian Quatresous għaliex

filwaqt li fl-ittri uffiċjali tad-29 ta' Jannar 2018 (296/2018) u tal-5 ta' Marzu 2018 (764/18) tissemma biss Christine Lecomte bħala *"omm u eredi*" tiegħu, fir-rikors ġuramentat ġew indikati wkoll Bruno Jacques Georges Quatresous u l-minuri Nathan Renè Jean Quatresous, bħala werrieta, u dan dejjem mingħajr prova fir-rigward;

(ii) Fit-tieni lok tfakkar li hija sa mill-bidu nsistiet li titressaq din il-prova tant li ressqet l-ewwel eċċezzjoni fir-rigward. Tenfasizza li l-oneru tal-prova li huma l-werrieta kien u jibqa' jinkombi fuq l-atturi.

(iii) Targumenta li billi tkun saret dikjarazzjoni fir-rikors ġuramentat ma jfissirx aċċettazzjoni tal-wirt tad-*decuius*.

(iv) Tgħid ukoll li minn riċerka li għamlet irrizultalha li fi Franza ssir dikjarazzjoni ta' suċċessjoni fi żmien sitt (6) xhur mill-mewt tal-persuna u tenfasizza li fl-atti ma ġiet ippreżentata l-ebda tali dikjarazzjoni ekwivalenti għal dikjarazzjoni *causa mortis* sabiex ikun magħruf jekk l-atturi aċċettawx jew le l-wirt tad-*decuius*.

15. <u>L-atturi appellanti, fir-risposta tagħhom għall-appell inċidentali tas-soċjetà konvenuta, u bi tweġiba għal dan l-aggravju</u>, barra li jerġgħu

jagħmlu l-istess argumenti li kienu għamlu fin-nota tas-sottomissjonijiet tagħhom, jagħmlu wkoll is-segwenti argumenti:

(i) B'referenza għall-argument tas-soċjetà konvenuta li ma saritx l-ekwivalenti ta' dikjarazzjoni *causa mortis* skont il-liġi Franċiża, jgħidu li s-soċjetà konvenuta ma rreferiet għall-ebda liġi Franċiża bir-riżultat li mhux ċar għal liema provvediment qiegħda tirreferi u li għalhekk dan il-punt mhux sostanzjat. Fit-tieni lok jgħidu li fil-liġi tagħna huwa d-dmir ta' kull min tiġi lilu trasferita proprjetà immobbli *causa mortis* li jagħmel dikjarazzjoni ta' tali trasferiment permezz ta' att pubbliku; jenfasizzaw li fl-età tenera li miet id-*decuius* (dsatax-il sena) ma kellu ebda proprjetà f'ismu u għalhekk il-werrieta ma kellhom l-ebda obbligu li jagħmlu l-ekwivalenti tal-*causa mortis.*

(ii) Jgħidu li s-sistema taħt il-liġijiet rilevanti tissoponi li wirt intestat jiġi mfassal b'mod li jaħdem awtomatikament mingħajr ma jkunu meħtieġa provi jew azzjonijiet min-naħa tal-familja meta persuna tmut mingħajr testment. Isostnu li l-eredi, hekk kif joħorġu mil-liġi, huma awtomatikament mogħtija d-dritt fuq il-beni, drittijiet u azzjonijiet tal-mejjet, u għalhekk f'każ bħal dan fejn ma jkun hemm l-ebda testment,

l-eredi stabbiliti mil-liġi huma intitolati għall-patrimonju b'mod awtomatiku.

(iii) B'referenza għal-liġi Franċiża jgħidu li l-Artikolu 738 tal-Kodiċi Ċivili Franċiża jipprovdi li meta l-mejjet ma jkollux dixxendenti, il-patrimonju jinqasam bejn il-ġenituri u l-aħwa. Jgħidu li għalhekk it-teżi tas-soċjetà konvenuta li l-ġenituri u ħu l-mejjet mhux l-eredi tiegħu tmur kontra l-liġijiet viġenti. Jenfasizzaw li s-soċjetà konvenuta ma ppreżentat l-ebda opinjoni legali li tissostanzja għalfejn ma jistgħux jitqiesu bħala l-eredi tad-*decuius* li miet intestat u mingħajr dixxendenti.

(iv) Jgħidu li l-Artikolu 724 tal-Kodiċi Ċivili Franċiża jipprovdi li "*Les héritiers désignés par la loi sont saisis de plein droit des biens, droits et actions du défunt*" u li allura l-liġi Franċiża ma tħalli l-ebda lok għall-inċertezza u b'mod espress tagħti l-poteri kollha lill-eredi appuntati bil-liġi li jidħlu fiż-żarbun tad-defunt f'azzjonijiet ġudizzjarji.

16. Jibda' biex jingħad li l-atturi, li għamlu l-kawża bħala werrieta ta' Julian Quatresous, li skont huma miet intestat, kellhom jippruvaw:

- x'tipprovdi l-liġi Franċiża applikabbli fiż-żmien li miet Julian Quatresous f'sitwazzjoni meta persuna tmut intestata;

- li Julian Quatresous effettivament miet intestat; u

- li għamlu kwalsiasi ħaġa rikjesta minnhom skont il-liġi Franċiża biex jitqiesu li aċċettaw il-wirt (jekk hu l-każ).

17. Din il-Qorti l-ewwelnett ma tistax ma tosservax li filwaqt li fin-nota tas-sottomissjonijiet tiegħu l-attur *nomine* sostna (erronjament) li s-suċċessjoni ta' Julian Quatresous hija ddeterminata mill-Artikolu 788 u Artikolu 812 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, fir-risposta tagħhom għall-ewwel aggravju tas-soċjetà konvenuta, l-atturi appellanti jsostnu li s-suċċessjoni tiegħu hija determinata mill-Artikolu 738 u l-Artikolu 724 tal-Kodiċi Ċivili Franċiża.

18. Fi kwalunkwe każ, ma kienx ikun biżżejjed li kieku fin-nota tas-sottomissjonijiet kienet saret referenza għal-liġi Franċiża li skont l-atturi kienet applikabbli fiż-żmien tal-mewt ta' Julian Quatresous (bħala persuna li skont huma mietet intestata). Kien jinkombi fuq l-atturi li jippruvaw eżattament x'kienet tipprovdi l-liġi Franċiża applikabbli u dan mhux bħala punt ta' liġi iżda bħala punt ta' fatt. Kellhom jippruvaw mhux biss x'tipprovdi l-liġi Franċiża dwar min huma l-werrieta ta' persuna li tkun

mietet intestata, iżda wkoll jekk kienx rikjest minnhom xi dikjarazzjoni sabiex jitqiesu bħala l-werrieta uffiċjali ta' Julian Quatresous, u f'dak il-każ prova li għamlu dak kollu rikjest minnhom bil-liġi f'dan is-sens.

19. Ta' rilevanza f'dan ir-rigward hija s-sentenza mogħtija minn din il-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Ottubru 2023 fil-kawża fl-ismijiet ***Eleazer Galea et vs Dr Simon Micallef Stafrace et nomine***. Għalkemm iċ-ċirkostanzi kienu differenti minn dawk mertu ta' din il-kawża in kwantu l-kwistjoni kienet titratta l-validità *o meno* ta' testment olografiku taħt il-liġi Kanadiża, l-insenjament ta' din il-Qorti fir-rigward tal-prova tal-liġi barranija hija rilevanti ferm.

> *"30. Sa fejn imbagħad l-appellanti qed jirreferu għad-dokumenti li hemżu mar-rikors tal-appell tagħhom, u s-siltiet twal ċitati mill-ġurisprudenza tal-Qorti Suprema tal-Kanada u dik ta' Ontario fil-Kanada, sabiex jargumentaw li minn dawk is-sentenzi, din il-Qorti 'm'għandu jifdlilha l-ebda dubju' li t-testment mertu ta' dawn il-proċeduri huwa effettivament testment validu skond il-liġi Kanadiża, il-Qorti, filwaqt li tirreferi lejn dak li ntqal qabel, il-Qorti jidhrilha li f'kull każ, anke s-siltiet ċitati fir-rikors tal-appell ma jistgħux jitqiesu bħala prova tajba tal-liġi Kanadiża dwar it-testmenti olografiċi. <u>Huwa magħruf sewwa fil-ġurisprudenza li, fi kwistjonijiet bħal dawn, il-liġi barranija għandha tiġi trattata bħala punt ta' fatt u mhux punt ta' liġi</u>[3] <u>u, minħabba f'hekk, trid titressaq prova tagħha daqslikieku kienet xi fatt ieħor u mhux fis-sura ta' sottomissjoni</u>[4]. Is-sentenzi msemmija mill-appellanti kienu jkunu ta' fejda għalihom li kieku nġabet prova dwar il-liġi Kanadiża fil-waqt xieraq quddiem l-Ewwel Qorti u kieku dawk is-sentenzi jsaħħu dik il-prova. <u>Huwa wkoll mifhum li prova bħal din issir bil-mezz ta' xhud espert fil-liġi barranija li jkollu l-ħiliet misjuba fl-Artikolu 563B tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta</u>[5]. <u>Kif tajjeb qalet</u>*

[3] Ara **Rose Grima noe v. Carmen Vella**, deċiża minn din il-Qorti fil-20 ta' Lulju, 2020, (App. Ċiv. 49/2012) §23.

[4] Ara l-provvediment ta' din il-Qorti, fl-ismijiet '**Marlon Borg noe. v. M.V. Bright Star'**, (Rik. 653/2018) §18.

[5] L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 563B tal-Kap. 12 jaqra hekk: "(1) Min ikollu l-kwalifiki meħtieġa minħabba f'li jaf jew minħabba l-esperjenza tiegħu jkun jista' jagħti xhieda ta' espert dwar id-dritt ta' xi stat barrani, irrispettivament minn jekk huwa qatt ipprattikax jew kellu dritt jipprattika bħala avukat, jew bħala uffiċjal ġudizzjarju jew legali f'dak l-istat.". Ara wkoll: '***Direttur tad-***

*<u>l-Ewwel Qorti, f'dan il-każ l-appellanti la ressqu xi xhud espert ex parte sabiex jixhed dwar id-dritt Kanadiż u wisq anqas ma talbu lill-Qorti sabiex taħtar espert tekniku fil-liġi Kanadiża u dan sabiex ikun jista' jixhed dwar il-pożizzjoni ta' dik il-liġi dwar it-testmenti olografiċi.</u> Terġa' u tgħid li għalkemm li fil-ħames premessa tar-rikors maħluf l-appellanti qalu li huma "ġew mgħarrfa u rassigurati" minn esperti fil-Kanada li d-dikjarazzjoni ta' Meshach Galea hija rikonoxxuta bħala testment validu taħt il-liġi Kanadiża, u li fl-affidavit tiegħu Eleazar Galea qal li kien ħa parir mingħand avukat fil-Kanada, l-appellanti però naqsu għal kollox milli jressqu prova konkreta ta' dak il-parir. L-istess jgħodd għall-appellata li fil-kontro-eżami tagħha qalet li ħadet parir mingħand żewġ avukati Kanadiżi, u li però ma ppreżentat l-ebda parir bil-miktub li ġie mogħti mill-avukati Kanadiżi. <u>F'ċirkustanzi bħal dawn, din il-Qorti żgur li ma tistax tlum lill-Ewwel Qorti meta osservat li kienet "sprovvista minn prova ċara" dwar ir-rekwiżiti formali li huma mitluba mill-liġi Kanadiża;</u>*

*31. F'kull każ, l-appellanti lanqas ma jistgħu jippretendu li s-siltiet mill-ġurisprudenza li pproduċew fil-qafas tar-rikors tal-appell, jistgħu b'xi mod jew ieħor jitqiesu bħala prova tajba tad-dritt Kanadiż dwar il-formalitajiet meħtieġa għat-testmenti olografiċi. Filwaqt li dawk is-sentenzi ma nġabux għall-attenzjoni tal-Ewwel Qorti u għalhekk kull argument marbut magħhom mhuwa xejn għajr noviter deductus u konsegwentement ma setax jitressaq f'dan l-istadju[6], il-Qorti tqis li anke li kieku stess l-appellanti għamlu referenza lejn dawk is-sentenzi quddiem l-Ewwel Qorti, jibqa' xorta waħda l-fatt li dawk is-siltiet ma jurux kif kienet il-pożizzjoni legali fil-Kanada fiż-żmien li fih Meshach Galea kiteb id-dikjarazzjoni li huma qed iqisu bħala testment u qabel neħħa ħajtu b'idejh. <u>Fin-nuqqas ta' prova tajba ta' x'kienet tgħid il-liġi Kanadiża fil-waqt rilevanti, il-Qorti ma taqbilx mal-appellanti li s-siltiet li rreferew għalihom jippruvaw li d-dikjarazzjoni ta' Meshach Galea f''Dok B' tikkwalifika bħala testment validu taħt il-liġi Kanadiża fiż-żmien preċiż li fih saret;"</u>*

(sottolinejar ta' din il-Qorti)

20. Iżda l-atturi ma ressqu l-ebda prova f'dan is-sens u **għalhekk l-Ewwel Qorti** (kif ukoll din il-Qorti) **baqgħet sprovvista minn prova tajba u ta' min joqgħod fuqha dwar x'kienet tipprovdi l-liġi Franċiża applikabbli għas-suċċessjoni ta' persuni intestati fiż-żmien tal-mewt**

***Dipartiment għal Standards fil-Ħarsien Soċjali v. Josephine Arslan'***, deċiża minn din il-Qorti fit-8 ta' Lulju, 2008. (App. Ċiv. 78/2007)

[6] Ara: '**Charm Developments Limited v. Kummissarju tat-Taxxi Interni'**, deċiża minn din il-Qorti fit-23 ta' Frar, 2022, (App. Ċiv. 278/2011/1)

**ta' Julian Quatresous, inkluż jekk tirrikjedix li s-suċċessuri għandhomx jagħmlu xi dikjarazzjoni sabiex jitqiesu li huma uffiċjalment aċċettaw il-wirt.**

21. ***In oltre*, u daqstant ieħor importanti, l-atturi naqsu wkoll li jressqu prova dokumentarja li tikkonferma li Julian Quatresous effettivament miet intestat**. L-atturi jargumentaw li l-eredi huma bil-liġi awtomatikament mogħtija d-dritt fuq il-beni, drittijiet u azzjonijiet tal-mejjet, u li għalhekk f'każ bħal dan fejn ma jkun hemm l-ebda testment, l-eredi stabbiliti mil-liġi huma intitolati għall-patrimonju b'mod awtomatiku. Iżda l-fatt li l-liġijiet jipprovdu għal sitwazzjoni fejn persuna tkun mietet intestata ma jfissirx li min qed jagħmel il-kawża bħala werriet tagħha m'għandux iressaq prova ta' kif huwa effettivament sar werriet. Is-sempliċi fatt li Julian Quatresous miet fl-età tenera ta' dstatax-il sena mhux prova li miet intestat. Il-Qorti ma tistax tassumi li Julian Quatresous miet bla testment abbażi tal-fatt li miet ta' dsatax-il sena jew li ma kellux dixxendenti tiegħu li seta' potenżjalment kellhom jedd fuq il-patrimonju jew parti minnu.

22. Għandu jingħad ukoll li l-fatt li l-atturi ma ġewx eżaminati/kontroeżaminati mis-soċjetà konvenuta għall-finijiet tal-ewwel eċċezzjoni ma jissanax in-nuqqas da parti tal-istess atturi li jippruvaw a sodisfazzjon ta' din il-Qorti l-allegazzjoni tagħhom li huma uffiċjalment il-

werrieta ta' Julian Quatresous. Anke kieku s-soċjetà konvenuta eżaminat/ikkontroeżaminat lill-atturi fir-rigward ta' din l-ewwel eċċezzjoni, xorta waħda ma kienx ikun biżżejjed li dawn sempliċiment isostnu li huma l-werrieta mingħajr ma jġibu prova ċerta u ċara tal-liġi Franċiża applikabbli fiż-żmien tal-mewt ta' Julian Quatresous u mingħajr ma jippruvaw l-allegazzjoni tagħhom li huwa fil-fatt miet intestat u li huma uffiċjalment il-werrieta tiegħu.

23. Hekk kif l-atturi ppreżentaw diversi dokumenti uffiċjali minn Franza bħalma huma affidavits tax-xiehda Franċiżi, u l-prokuri tal-avukat, kollha awtentikati bid-debiti apostilli, hekk ukoll **messhom ippreżentaw id-dokumentazzjoni kollha neċessarja sabiex jagħmlu l-prova ewlenija, ċjoè li huma effettivament u uffiċjalment il-werrieta ta' Julian Quatresous (kif adirittura semmew fl-okkju nnifsu) u li allura għandhom *locus standi* sabiex jipproponu din il-kawża.** *Multo magis* meta fl-ewwel eċċezzjoni tagħha s-soċjetà konvenuta insistiet li kellu jiġi ppruvat li l-atturi huma tassew il-werrieta ta' Julian Quatresous taħt id-dispożizzjonijiet tal-liġi applikabbli għall-kwistjoni ta' suċċessjoni f'dan il-każ. L-atturi kellhom kull opportunità li jindirizzaw din l-eċċezzjoni u jressqu provi ċari u tajba fir-rigward, iżda dan baqgħu m'għamluhx.

24. Jiġi ppreċiżat ukoll, kuntrarjament għal dak li jargumentaw l-istess atturi appellanti, li kien jinkombi proprju fuq l-atturi li jressqu l-prova biex

jissostanzjaw l-allegazzjoni tagħhom li huma l-werrieta ta' Julian Quatresous, u mhux fuq is-soċjetà konvenuta li tressaq il-prova li mhumiex, *ossia* li tressaq "*opinjoni legali li tissostanzja għalfejn ma jistgħux jitqiesu bħala il-werrieta tal-mejjet li miet intestato u mingħajr dixxendenti".* Is-soċjetà konvenuta fil-fatt mhix qiegħda tallega li l-atturi mhumiex werrieta, iżda qiegħda tinsisti li l-atturi kellhom jippruvaw l-allegazzjoni tagħhom li huma fil-fatt il-werrieta; prova bażika li kienu dovuti jagħmlu anke fl-assenza ta' eċċezzjoni fir-rigward.

25. Fid-dawl ta' dan kollu din il-Qorti jidhrilha li l-ewwel eċċezzjoni timmerita li tintlaqa'. Fiċ-ċirkostanzi la hu l-każ li din il-Qorti tikkunsidra l-aggravji l-oħra li għamlet is-soċjetà konvenuta fl-appell inċidentali tagħha u lanqas ma hu l-każ li tikkunsidra l-appell tal-atturi li jirrigwarda l-mertu. Konsegwentement din il-Qorti sejra tħassar is-sentenza appellata, u minkejja li sejra tiċħad it-talbiet attriċi kif għamlet l-Ewwel Qorti, dan qed tagħmlu għal raġunijiet differenti.

***<u>DECIDE</u>***

Għal dawn il-motivi din il-Qorti qiegħda **tilqa' l-appell inċidentali** tas-soċjetà konvenuta, fis-sens li qiegħda tħassar is-sentenza apellata, tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta u tiċħad it-talbiet attriċi għar-raġunijiet fuq spjegati.

26. L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu mill-atturi appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss